MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 709/2008

***Ocean Way Co. Limited***

***Versus***

**Neville Spiteri u Michelle Spiteri *née Saliba***

1. F’din il-kawża s-soċjeta attriċi qiegħda titlob illi tinħall l-enfitewsi fuq il-fond *Evergreen*, illum jismu *El Shaddai*, fi Triq Balaguer, Ħal Balzan mogħtija b’kuntratt tat-28 ta’ Ottubru 1993 fl-atti tan-Nutar Patrick Hayman billi l-konvenuti bħala *utilisti* waqgħu lura fil-ħlas taċ-ċens.

2. B’sentenza mogħtija fit-30 ta’ April 2010, li minnha ma sarx appell, il-qorti sabet illi l-konvenuti tassew waqgħu lura fil-ħlas taċ-ċens għal żmien aktar milli jrid l-art. 1517 tal-Kodiċi Ċivili iżda qabel ma ħallet iċ-ċens tat lill-konvenuti żmien biex iħallsu kif igħid u jrid l-art. 1519(2) tal-Kodiċi.

3. Il-konvenuti iżda baqgħu ma ħallsux fiż-żmien li ngħatalhom.
4. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tħoll l-enfitewsi fuq il-fond *Evergreen*, illum jismu *El Shaddai*, fi Triq Balaguer, Ħal Balzan mogħtija b'kuntratt tat-28 ta' Ottubru 1993 fl-atti tan-Nutar Patrick Hayman, biex hekk il-fond jiġi lura f'idejn id-direttarja, u tordna l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-istess fond fi żmien tliet xhur millum.
5. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------